**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Rodney Borg**

Kump. Nru: 826/2015

Illum 25 ta' Settembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Rodney Borg, ta' 32 sena, iben Angelo u Cristine nee' Briffa, imwieled Pieta` fit-13 ta' Frar 1983 u residenti 1, Triq Francis Falzon, Zurrieq, detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 110483(M) akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jisrku l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speficikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited u/jew Malta Public Transport.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, todna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Fl-artikolu 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Illi jehtieg li din il-Qorti tirreferi ghall-fatti kif jirrizultaw mill-atti processwali b'mod kronologiku:

- L-imputat hadem mal-kumpanija Arriva minn Dicembru 2011 sa Mejju 2012.
- Xi dirigenti tal-kumpanija ndunaw li l-imputat ma kienx qieghed jitfa' l-flus fi scan machine tal-bejgh tal-biljetti u kellmuh fl-20 ta' Marzu 2013. Dakinhar l-ammont kien ta' €3436.72.
- Infatti fl-20 ta' Marzu 2010 giet iffirmata skrittura intitolata, "*Obbligtazzjoni ta' Radd Lura ta' Flus*" fl-ammont ta' tlett elef erba' mija sitta u tletin Ewro u tnejn u sebghin centezimu (€3,436.72)[1] mill-istess Rodney Borg, fil-prezenza ta' dirigenti tal-istess kumpanija Patrick Cassar li dak iz-zmien kien jokkupa l-posizzjoni ta' *Finance Director* kif ukoll ta' Carmen Galea li dak iz-zmien kienet tokkupa l-kariga ta' *Training & Discipline Manager*.
- Din l-iskrittura giet segwita b'skrittura ohra datata t-8 ta' Mejju 2012 fejn l-ammont dovut mill-imputat lill-kumpanija gie awmentat ghal sitt elef, seba' mija u hamsin centezimu (€6,700.50)[2] liema skrittura giet iffirmata mill-imputat u mill-istess dirigenti tal-kumpanija.
- Fl-istqarrija tieghu tas-17 ta' Lulju 2015 l-istess imputat ammetta li huwa kien debitur favur l-istess kumpanija izda fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u sitta u tletin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,436.72)[3] u mhux sitt elef, seba' mitt Ewro u hamsin centezimu (€6,700.50) minn liema ammont huwa sahaq li kien diga' hallas lill-kumpanija l-ammont ta' elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin Ewro

---

[1] Dok CG 1 a fol. 35 tal-process.
[2] Dok CG3 a fol. 37 tal-process – vide xhieda ta' Carmen Galea
[3] A fol. 21 tal-process.

(€1,825) liema ammont kien qieghed jinqata' direttament mill-paga tieghu kull hmistax.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjoni addebita fil-konfront tal-imputat hija dik ta' approprjazzjoni indebita.

Ghar-rigward tar-reat ta' misappropprazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni**[4] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

"*Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew din ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.*"

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr Siegfried Borg Cole**[5] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li:

*"[…F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in nonrestituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita […]. Kif spjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale, Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo.* ***Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come del furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittmo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportune di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriatmente in sede penale.*** *Rettamente pertanto fu guidicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo*

[4] Deciza 9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

[5] 23 ta' Dicembru 2003

*debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l-incaricato di esigere l'importo di titoli, che non acendo potuto compiere tale esazione, trattiene I titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante ne richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole"*[6]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat ammetta li huwa debitur fil-konfront tal-kumpanija Arriva kemm fl-istqarrija tieghu tas-17 ta' Lulju 2015[7] kif ukoll fix-xhieda tieghu[8] izda biss fl-ammont ta' €3,436.72.

Fi kwalunkwe kaz, mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat waqt li kien jahdem bhala xufier mal-kumpanija kien jinghata numru, dak li jissejjah driver i.d. Id-driver kien jinghata pin u kif jitla' fuq it-trakk, idahhal il-pin tieghu u jibda jbiegh il-biljetti. B'hekk fis-sistema tal-kumpanija jibda jirrizulta kemm kull xufier qed ibiegh biljetti, f'liema hin u minn fuq liema karozza tal-linja. Carmen Galea tispjega li meta xufier jispicca x-xaft tieghu jmur id-depot il-Furjana u jitfa' l-flus tal-biljetti li jkun biegh fl-iscan machine u ghalhekk meta jsir il-paragun bejn il-biljetti li jkunu nbieghu ghall-flus li gew depozitati, il-kumpanija tkun taf jekk il-flus li kellhom jigu depozitati fil-fatt hekk sar. B'hekk gara li d-dirigenti tal-kumpanija ndunaw li l-imputat kien qieghed izomm ammont ta' flus ghalih billi ma kienx qieghed jiddepozita kollox.

L-imputat, mhux biss irilaxxja stqarrija, izda xehed f'dawn il-proceduri[9] li huwa li qieghed jaffaccja dawn il-proceduri billi meta kien xufier mal-kumpanija Arriva flok jiddepozita l-flus kien izommhom ghalih. Qal li gieli wissewh fuq hekk u darba minnhom Carmen Galea ghajtitlu u avzatu li l-kumpanija kien se jkollha twaqqfu mix-xoghol billi ma setax jibqa' ghaddej b'dan il-fatt. Carmen Galea kienet ittih kera u tghidlu biex jiffirmaha u tghidlu li se taqtalu €200 mill-paga. Ommu bdiet tikteb kemm qatghulu mill-paga u huwa jghid li l-ammont kien €1,825 li kien lahaq hallas.B'referenza ghal Dok CG1 (liema dokument huwa ffirmat mill-imputat) datat 20 ta' Marzu 2012, fejn l-intimat qieghed jiddikjara li huwa debitur tal-kumpanija fl-ammont ta' €3436.72 l-imputat qal li minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta' €1,825. Huwa qal li kull darba li ghajtulu kien jaqbad u jiffirma l-karti li jtuh. Carmen Galea kienet qaltlu b'referenza ghall-ewwel skrittura kif wasslu ghall-ammont. L-imputat qal li l-ewwel darba li sema' li l-ammont kien 'il fuq minn €6,000 kien ghand l-ispettur fid-depot u li huwa ra Dok CG3 l-ewwel darba ghand l-ispettur. Biss pero' qal li l-firma jahseb li tieghu izda ma jiftakarx jiffirma. Qal li ma tantx jaf skola u li gieli

[6] The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013
[7] A fol. 21 tal-process
[8] A fol. 183 sa 198 tal-process
[9] Seduta tad-19 ta' Lulju 2017

gara li kien hemm xufier li hadem bil-pin ta' haddiehor. In kontro-ezami qal li fil-perjodu inkwsitjoni kellu l-vizzju tad-droga.

Abbazi ta' tali rizultanzi jemergi li l-elementi necessarji sabiex jirrizulta r-reat ta' mizapproprjazzjoni jirrizultaw ippruvati.

Izda il-Qorti hija rinfaccjata b'diskrepanza f'dak li ghandu x'jaqsam mal-ammont li gie mizapproprjat mill-imputat. Min-naha l-wahda l-imputat qieghed isostni li wara li jinqata' l-ammont li diga' hallas, l-ammont li fadal dovut minnu lill-kumpanija huwa ta' elf sitta mija, hdax-il Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,611.72) filwaqt li l-ammont pretiz mill-kumpanija Arriva mill-imputat jammonta ghal sitt elef, seba' mija u hamsin centezimu (€6,700.50).

Carmen Galea[10] fil-kwalita taghha ta' *Training & Discipline Manager* xehdet li hekk kif l-imputat gie rinfaccjat mid-dirigenti tal-kumpanija li huma kienu konsapevoli tal-iskema adoperata mill-imputat, huwa ammetta li kien qieghed izomm ghalih parti mill-flejjes iggenerati mill-biljetti mibjughha lil passiggieri. Fl-20 ta' Marzu 2012 huwa inghata twissija bil-miktub[11] kif ukoll obligazzjoni ta' radd lura ta' flus[12] favur l-istess kumpanija Arriva fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u sitta u tletin Ewro u tnejn u sebghin centezsimu (€3,436.72) liema dokumenti l-imputat ghazel li jiffirma.

L-istess xhud tkompli tispjega li ghalkemm l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) tnaqqas direttament mill-paga tieghu, b'dan li irnexxilu jirrifondi lill-Arriva l-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200), id-dejn versu l-istess kumpanija kompla jizdied peress li l-imputat kompla jzomm il-flejjes mil-bejgh tal-biljetti ghalih b'dan li l-Arriva ssokombiet ghal telf ulterjuri fl-ammont ta' sitt elef seba' mitt Ewro u hamsin centezmu (€6,700.50)[13] liema dejn ix-xhud issostni rega' gie rikonoxxut mill-imputat fit-8 ta' Mejju 2012 tramite dokument ta' obligazzjoni ta' radd lura ta' flus iffirmat minnu stess.

Riprodotta l-istess Carmen Galea[14] spjegat f'aktar dettall kif l-imputat kien gie mitkellem kemm-il darba fejn minn xahar ghal iehor l-ammont dovut lill-kumpanija beda jizdied. Di fatti hija tixhed li fl-20 ta' Marzu 2012 l-ammont dovut mill-imputat kien fis-somma ta' tlett elef erba' mija sitta u tetin Ewro u tnejn u sebghin centezimu (€3,436.72), fl-24 ta' April 2012 l-ammont gie awmentat ghal erbat elef hames mija u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€4,580.80) filwaqt li fit-8 ta' Mejju 2012 l-ammont zdied ghal sitt elef, seba' mitt Ewro u hamsin centezmu (€6,700.50). Ix-xhud ghal

[10] Seduta tat-18 ta' Mejju, 2016 – A fol. 23 sa 35 tal-process

[11] A fol. 36 tal-process

[12] A fol. 35 tal-process

[13] li maghhom irid jizdied l-ammont ta' €1,200

[14] A fol. 166 sa 169 tal-process

darb' ohra tikkonferma li l-imputat kien irrikonoxxa d-dejn dovut lill-kumpanija tramite ftehim iffirmat minnu stess fejn minhabba l-awment fis-somma il-partijiet qablu li l-ammont dovut kellu jitnaqqas f'pagamenti ta' mitejn Ewro (€200) fejn l-ewwel pagament ittiehed mill-kumpanija mis-salarju tal-imputat ta' f'Gunju tas-sena 2012.

Patrick Cassar[15] xehed li fix-zmien meta sehh il-kaz odjern huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Finance Director* mal-kumpanija Arriva. Huwa spjega li mis-sistema awtomatika kien isir rikonciljazzjoni bejn il-biljetti li x-xufier partikolari ikun biegh mal-flejjes li huwa kien jiddepozita fi tmiem ix-xift tieghu, hekk kif tirrizulta diskrepanza, ix-xufier in kwestjoni kien jigi mitkellem sabiex il-kwestjoni tigi rizolta. In kontro-ezami ghalkemm ix-xhud stqarr li d-dirigenti tal-istess kumpanija ma qaghdux janalizzaw r-rizultat tal-indagini fid-dettal flimkien mal-imputat, huwa sahaq li l-imputat gie imsejjah u inghata l-fakolta` li jara d-dokumentazzjoni relattiva ghal flejjes dovuti in konnessjoni mal-kaz odjern flimkien ma' Carmen Galea. Ix-xhud ikkonferma li z-zewg skritturi relattvi ghal obbligazzjoni ta radd lura ta' flus datati l-20 ta' Marzu u t-8 ta' Mejju 2012 rispettivament gew iffirmati mill-imputat fil-prezenza tieghu.

Joyce Cassar[16] xehdet li hija kienet tokkupa l-kariga ta' *Human Resources Manager* fejn kienet investigat il-kaz in kwestjoni. Hija spjegat li l-kumpanija f'cirkosanzi simili ghal dan il-kaz kienet tesigi li primarjament l-persuna l-ewwel tigi mitkellma mill-*Financial Controller* jew minn persuna inkarigata sabiex jintlahaq ftehim ghal hlas. Fuq livell sekondarju x-xhud spjegat kif sussegwentement ghal tali ftehim l-imputat inghata twissija bil-miktub datat l-20 ta' Marzu 2012[17]. In kontro-ezami ix-xhud spjegat li l-kontenut tal-istess twissja valida ghal sitt (6) xhur gie spjegat lill-imputat, liema dokument gie iffirmat minnha stess.

Illi l-versjoni tal-imputat dwar l-ammont mizapproprjat diga' saret referenza ghaliha. Aktar 'il fuq f'din is-sentenza saret referenza ghal zewg dokumenti li gew iffirmati mill-imputat – Dok CG1 u CG3 intitolati 'Obbligazzjoni ta' Radd Lura ta' Flus'. Fl-ewwel dokument[18], l-imputat qieghed jiddikjara li huwa debitur tal-kumpanija Arriva Malta Ltd fis-somma ta' €3,436.72 dovuti lill-istess kumpanija skont statement li kellu jkun anness maghha Dok A. L-imputat ftiehem biex ihallas lill-istess kumpanija. Tali dokument gie ffirmat mill-imputat fl-20 ta' Marzau 2012. L-istatement li suppost kien anness ma' Dok CG1 ma giex prezentat. L-imputat sa mill-ewwel seduta meta nqrat l-akkuza ammetta fil-verbal li huwa mizapproprja dan l-ammont.

---

[15] Seduta tat-18 ta' Mejju, 2016 – A fol. 123 sa 136 tal-process

[16] Seduta tat-13 ta' Gunju 2016 – A fol. 142 sa 145 tal-process

[17] A fol. 36 tal-process

[18] Dok CG1 a fol 35 tal-process

It-tieni dokument li jidher li huwa ffirmat mill-imputat huwa Dok CG3[19] huwa fuq l-istess linja tad-dokument l-iehor Dok CG1 biss pero' l-quantum tela' ghal €6,700.50 u l-imputat obbliga ruhu li jhallas €200 kull hmistax-il gurnata.

Illi mal-prezentata ta' dawn id-dokumenti appena msemmija, id-difiza sostniet li kienu inammissibbli billi qeghdin jigu wzati fil-konfront tal-imputat meta lanqas inghata dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu. Waqt it-trattazzjoni finali regghet saret referenza ghal dan il-punt. Din il-Qorti kienet diga' tat digriet dwar l-ammissibilita' taghhom fejn ma qablitx mas-sottomissjoni tad-difiza u dan ghar-ragunijiet indikati fl-istess digriet, fejn din il-Qorti ghamlitha cara li l-prezentata taghhom ma kinitx twassal awtomatikament ghal sejbien ta' htija izda huma meqjusa bhala prova ohra fl-atti. Il-prosekuzzjoni xorta wahda jehtiegilha li tipprova l-kaz taghha oltre' d-dubju dettat mir-raguni. Infatti l-Qorti jidhrilha li l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' mizappropriazzjoni jirrizultaw ippruvati minn provi ohra li ngabu u li saret referenza ghalihom diga'.

Inkwantu ghall-ammont mizapproprjat il-Qorti tinnota li l-imputat jittenta jsahhah it-tezi tieghu billi huwa jishaq li kien konsapevoli tal-ammont ta' flejjes dovuti lill-kumpanija izda ma hassx il-htiega li jzomm rendikont ghax, "*bejn wiehed u iehor naf x'nonfoq u ma nonfoqx*"[20]. Mill-atti processwali jirrizulta li fuq medda ta' xahrejn senjatament bejn l-4 ta' April 2012 u l-31 ta' Mejju 2012 l-imputat naqas milli jghaddi il-flejjes lill-kumpanija Arriva wara li spicca x-xift tieghu 'l fuq minn ghoxrin (20) darba fejn l-ammont ta' flus li kien izomm ghalih kien ivarja minn gurnata ghal ohra skont il-bejgh tal-biljetti u proprju ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat ma setax jghid bi precizjoni x'kienet is-somma dovuta lill-kumpanija Arriva ghal kuntrarja tad-dokumentazzjoni esebita mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li tramite sistema elettronika kif gie spjegat lil din il-Qorti setghet tiddentifika din is-somma bi precizjoni.

Id-difiza tittenta tohloq dubju fuq il-quantum tas-somma allegatament dovuta mill-imputat billi tissuggerixxi li kwalunkwe xufier seta' jaghmel uzu mill-kodici uniku moghti lil kull xufier impjegat mal-kumpanija Arriva sabiex ikun jista' jopera kemm il-magna li tistampa l-biljetti kif ukoll il-magna li fiha jigu depozitati l-flejjes iggenerati matul is-*shift* tax-xufier in kwestjoni. Jekk l-imputat kellu xi dubju li l-kodici tieghu kien qieghed jintuza minn xufier iehor, huwa seta' jigbed l-attenzjoni tad-dirigenti tal-Arriva. L-imputat fi kwalunkwe kaz ma rnexxilux jipprova tali asserzjoni sal-grad tal-probabbli.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti wara li ghamlet ezami akkurat tal-atti processwali sabet diskrepanza bejn ix-xhieda ta' Carmen Galea prodotta mill-prosekuzzjoni u d-diversi dokumenti esebiti, il-Qorti se tistrieh fuq Dok CG 4 u CG5. Il-Qorti tinnota li Dok CG4

[19] A fol 37 tal-process

[20] A fol. 195 tal-process

mhux ipprezentat f'ordni kronologiku. Minn fol 65 sa fol 120 jirrizulta li bejn il-perjodu tad-19 ta' Dicembru 2011 sal-21 ta' Mejju 2012 inbieghu biljetti li kienu jiswew €5930.90. M'hemmx izda spjegazzjoni f'dawn id-dokumenti u lanqas gie spjegat mix-xhieda dwar jekk l-imputat iddepozitax xi flus minn tali bejgh u semmai kemm kien l-ammont. Dan il-perjodu jkopri fih l-ammont li huwa indikat f'Dok CG1. Imbagahd minn fol 39 sa fol 64 hemm il-pagni li jirreferu ghall-perjodu mill-4 ta' April 2012 sal-21 ta' Mejju 2012 ossia li nbieghu biljetti fl-ammont ta' €2528.40. Mill-istess dokumenti jirrizulta li l-imputat iddepozita biss l-ammont ta' €47.50. B'hekk id-differenza li ma ddepozitax kienet fl-ammont ta' €2470.90. Fuq id-dokument spjegattiv senjatament "*Table of Repayments Due Non-Cashing-In From Employees (Drivers)"* fejn jirrizulta li wara li l-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) tnaqqas mis-salarju tal-imputat, l-ammont allegatament dovut mill-imputat lill-kumpanija Arriva huwa ta' sitt elef, tmintax-il Ewro u tmenin centezmu (€6,018.80). Biss pero' mhux car kif il-kumpanija waslet ghal dan l-ammont. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat imizapproprja l-ammont ta' €5907.62[21] li minnhom irid jitnaqqas l-ammont li l-imputat diga' hallas. Ghalhekk l-ammont li jifdal li l-imputat se jigi ordnat jirrifondi huwa €4,707.62.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Tqis li ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation sabiex ikollu persuni li jiddiriguh biex jeghleb kompletament il-vizzju tad-droga u se tpoggih ukoll taht ordni ta' trattament. Inoltre' se tordna lill-istess imputat jirrifondi l-ammont mizapproprjat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-istess Rodney Borg taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-hati ghal zmien sentejn bil-ghan li jeghleb il-vizzju tad-droga.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil Rodney Borg jirrifondi l-ammont ta' €4707.62 lil Transport Malta fi zmien sentejn millum.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

---

[21] €3436.72 ammess minnu u l-ammont ta' €2470.90

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk huwa ma jobdix id-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation u professjonisti ohra fi hdan l-istess ufficcju.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**